

REGOLAMENT (UE) Nru 1216/2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Diċembru 2012****li jintroduċi, fl-okkażjoni tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, miżuri temporanji speċjali għar-reklutaġġ ta' uffiċjali u ta' aġenti temporanji tal-Unjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 336 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, li għet ippreżentata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Fl-okkażjoni tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013, jaqbel li jiġu adottati miżuri partikolari u temporanji, li jidderogaw mir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ("Ir-Regolamenti tal-Persunal") u mill-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ⁽⁴⁾.
- (2) Minħabba d-daqs tal-Kroazja u n-numru ta' nies li huma potenzjalment involuti, il-miżuri temporanji speċjali għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu sostanzjali. It-30 ta' Ġunju 2018 tidher li hija l-aktar data ta' skadenza xierqa għalihom.
- (3) Minħabba l-ħtieġa li r-reklutaġġi ipplanati isiru mill-aktar fis possibbli wara l-adeżjoni, dan ir-Regolament għandu jiġi adottat qabel id-data effettiva tal-adeżjoni,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1**Reklutaġġ ta' uffiċjali**

1. Minkejja t-tieni u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 4, l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 27 u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 29(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, wara d-data effettiva tal-adeżjoni tal-Kroazja sat-30 ta' Ġunju 2018, jistgħu jintlewi il-postijiet vakanti, sal-limitu tan-numru allokati, wara li jiġu meqjusa d-diskussjonijiet baġitarji, permezz ta' ħatra ta' ċittadini Kroati, bħala uffiċjali.

2. Tali uffiċjali għandhom jiġu reklutati mid-data effettiva tal-adeżjoni, apparti fil-każ ta' uffiċjali għolja (Diretturi Ġenerali jew l-ekwivalenti tagħhom fi grad AD 16 jew AD 15 u Diretturi jew l-ekwivalenti tagħhom fi grad AD 15 jew AD 14), isiru wara kompetizzjonijiet ibbażati fuq il-kwalifiki jew fuq testijiet, jew wara kompetizzjonijiet ibbażati jew fuq kwalifiki jew fuq testijiet, jew wara kompetizzjonijiet ibbażati fuq kwalifiki u testijiet, organizzati skont l-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 2**Reklutaġġ ta' aġenti temporanji**

1. L-Artikolu 1(1) għandu japplika *mutatis mutandis* għar-reklutaġġ ta' ċittadini tal-Kroazja bħala persunal temporanju.

2. Tali persunal temporanju għandu jiġi reklutat mid-data effettiva tal-adeżjoni.

Artikolu 3**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-12 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Parlament Ewropew**Il-President*

M. SCHULZ

*Għall-Kunsill**Il-President*

A. D. MAVROYIANNIS

⁽¹⁾ Opinjoni tat-12 ta' Novembru 2012 (għadha mhux ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

⁽²⁾ ĠU C 364, 23.11.2012, p. 1.

⁽³⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2012 (għadha mhux ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012.

⁽⁴⁾ ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.